MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Numru. 38/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs -**

**JOHN LOUIS AZZOPARDI**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat John Louis Azzopardi bin John u Grace nee` Micallef imwieled fil-21 t’ Awissu 1977 u residenti “Osprey”, Triq il-Hamrija, Xewkija, Ghawdex, (Karta ta' l-Identita` Numru 491293 M) akkuzat talli nhar l-24 ta’ Dicembru 2003 ghall-habta tad-9.00a.m. u qabel, fl-inhawi maghrufa bhala “Il-Briehel” limiti ta’ Ghajnsielem, Ghawdex, waqt li kien jiehu jew jipprova jiehu xi ghasfur, ghamel uzu minn mezz elettroniku, jew uzu ta’ tisfir ta’ ghasafar registrati (Pre-recorded bird caller). Aktar talli

waqt li kien jiehu jew jipprova jiehu xi ghasfur ma kellux licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija barra l-piena stabbilita tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti esebiti.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni u cioe` lil PS 812;

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 13 (1b) Regolament 10 ta' l-Avviz Legali 146/93;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat, liema ammissjoni hija volontarja u nkondizzjonata;

Fuq ammissjoni ssibu hati u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' hamsin lira Maltin (Lm50).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------